**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 262/15 AL

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A";

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, P, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru elf disgha mija erbgha u disghin (1994);

Illi l-partijiet ilhom separati *de jure* sa mit-28 ta' Awissu elf disgha mija hamsa u disghin (1995) b'kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom redatt minn Nutar Dottor Antoine Agius, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok B";

Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni, ir-ragel kellu l-obbligu li jissomministra manteniment lil mara u lil binhom P;

Illi tali obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-wild P gie estint meta P ghalaq l-eta tat-tmintax-il sena skont id-disposizzjoni 3D tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;

Illi tali obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-mara gie terminat meta l-mara bdiet tahdem fuq bazi *full time* skont id-disposizzjoni 3E tal-istess kuntratt ta' separazzjoni;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment sepatata minn xulxin;

Illi ghar-ragunijeit hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi m'hemm l-ebda manteniment ghall-hall taz-zwieg;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-Artikolu 66 D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, ossia Attard;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat in-nota tal-intimat, li permezz taghha jiddikjara illi <u>huwa mhux qed jopponi u ma ghandu ebda oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti minnha fir-rikors</u>;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Awissu 1995 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Attard u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.